Nru. 18,072
Prezz/Price
Lm1.92 (€4.47)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 4 ta' Mejju, 2007
Friday, 4th May, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 420

ORDINANZA LI TIRREGOLA T-TIĠDID TAL-KIRI TA' BINI (KAP. 69)
BORD LI JIRREGOLA L-KERA - MALTA

Ħatra ta' *Chairperson* Sostitut

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini (Kap. 69) il-President ta' Malta fit-18 ta' April 2007, approva n-nomina tal-Maġistrat Dott. Michael Mallia, LL.D., bħala *Chairperson* Sostitut tal-Bord imsemmi, kull meta ċ-*Chairperson* ma jkunx jista' joqgħod minħabba indispożizzjoni jew xi raġuni oħra skond il-liġi.

It-2 ta' Mejju, 2007
(MJ/44/99/II)
(OPM 1184/58/III)

GOVERNMENT NOTICES

No. 420

RELETTING OF URBAN PROPERTY (CAP. 69)
RENT REGULATION BOARD - MALTA

Appointment of Substitute Chairperson

IN exercise of the powers conferred by section 16 of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance (Cap. 69) the President of Malta has on the 18th April 2007 approved the appointment of Magistrate Dr Michael Mallia, LL.D., as Substitute Chairperson of the said Board, whenever the Chairperson cannot act because of some indisposition or some other reason at law.

2nd May, 2007

Nru. 421

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr J.M. Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	11–19.5.2007

L-4 ta' Mejju, 2007

No. 421

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

4th May, 2007

Nru. 422

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

NGĦARRFU illi l-persuni msemmija hawn taħt, wara li ssodisfaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Att imsemmi, ġew innominati Nutar Pubbliku b'*Warrant* tal-President ta' Malta maħruġ fl-20 ta' April 2007.

Ms Lorraine Pulis
Ms Daniela Borg
Ms Michela Sammut
Ms Marie Antoinette Deguara
Is-Sur George (Jurgen) Galea
Ms Anne-Marie Cuschieri
Is-Sur Simon Manicolo
Ms Alexandra Vella
Is-Sur Jean Paul Farrugia
Ms Krystle Galea
Ms Roberta Rapa
Ms Vanessa Grech
Is-Sur Sam Abela
Ms Maria Sciberras
Ms Melanie Darmanin
Ms Charlene Magri
Ms Roberta Borg
Ms Tania Spiteri
Ms Vanessa Buttigieg

It-2 ta' Mejju, 2007
MHA/68/2000/V

No. 422

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

IT is notified that the persons listed hereunder, after having complied with the provisions of the mentioned Act, have been appointed Notary Public by Warrant of the President of Malta, dated 20th April 2007.

Ms Lorraine Pulis
Ms Daniela Borg
Ms Michela Sammut
Ms Marie Antoinette Deguara
Mr George (Jurgen) Galea
Ms Anne-Marie Cuschieri
Mr Simon Manicolo
Ms Alexandra Vella
Mr Jean Paul Farrugia
Ms Krystle Galea
Ms Roberta Rapa
Ms Vanessa Grech
Mr Sam Abela
Ms Maria Sciberras
Ms Melanie Darmanin
Ms Charlene Magri
Ms Roberta Borg
Ms Tania Spiteri
Ms Vanessa Buttigieg

2nd May, 2007

Nru. 423

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
27. 04. 07	Lm6.91.0 (€16.09,5)	Lm0.14.6 (€0.34,0)
30. 04. 07	Lm6.96.6 (€16.22,6)	Lm0.14.8 (€0.34,5)
02. 05. 07	Lm6.92.5 (€16.13,0)	Lm0.14.6 (€0.34,0)
03. 05. 07	Lm6.89.4 (€16.05,8)	Lm0.14.5 (€0.38,8)

L-4 ta' Mejju, 2007

No. 423

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

4th May, 2007

Nru. 424

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET
(Kap. 296)

Avviż li hemm il-ħsieb li Titoli ta' Art jiġu Irreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:-

No. 424

LAND REGISTRATION ACT

(Cap. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:-

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Ghajnsielem	Porzjon art li tinsab f'entrata private accessibli minn sqaq nru 4 li jizbokka fi Triq l-Imgarr – 59 m.k.	Bajada Ray	271854M	524/07 Gozo
Ghajnsielem	*Portion of land found in a private alley no. 4 which ends in Triq l-Imgarr – 59 s.m.*	*Bajada Ray*	*271854M*	
Ghajnsielem	Porzjon art maghrufa bhala "Raba' tal-wied" – 759 m.k.	Xuereb Joe et	61236G	530/07 Gozo
Ghajnsielem	*Portion of land known as "Raba' tal-wied" – 759 s.m.*	*Xuereb Joe et*	*6123G*	
Ghajnsielem	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Triq Benghazi" fi Triq Benghazi – 180.5 m.k	Grima Joseph	8029A	549/07 Gozo
Ghajnsielem	*Portion of land known as "Ta' Triq Benghazi" fi Triq Benghazi – 180.5 s.m.*	*Grima Joseph*	*8029A*	
Gharb	Porzjon art – 105.2 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		514/07 Gozo
Gharb	*Portion of land – 105.2 s.m.*	*The Government of Malta*		
Gharb	Porzjon art – 17.8 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		515/07 Gozo
Gharb	*Portion of land – 17.8 s.m.*	*The Government of Malta*		
Gharb	Porzjon art – 14.5 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		516/07 Gozo
Gharb	*Portion of land – 14.5 s.m.*	*The Government of Malta*		
Gharb	Porzjon art – 32.4 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		517/07 Gozo
Gharb	*Portion of land – 32.4 s.m.*	*The Government of Malta*		
Gharb	Porzjon art – 56.6 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		518/07 Gozo
Gharb	*Portion of land – 56.6 s.m.*	*The Government of Malta*		
Gharb	Porzjon art – 46.9 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		519/07 Gozo
Gharb	*Portion of land – 46.9 s.m.*	*The Government of Malta*		
Gharb	Porzjon art – 29.1 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		520/07 Gozo
Gharb	*Portion of land – 29.1 s.m.*	*The Government of Malta*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Gharb *Gharb*	Porzjon art – 85.5 m.k. *Portion of land – 85.5 s.m.*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		521/07 Gozo
Ghasri *Ghasri*	Korrezzjoni fuq propejta' nru. 25000117 *Correction of property no. 25000117*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		510/07 Gozo
Kercem *Kercem*	Id-Dirett Dominju Temporanju tal-fond nru. 27 fi Triq Xuxa – 372 m.k. *The Temporary Direct dominium of the tenement no. 27 in Triq Xuxa – 372 s.m.*	Il-Gvern ta' Malta *The Government of Malta*		498/07 Gozo
Kercem *Kercem*	1/56 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Ta' Taljana" – 348 m.k. *1/56 undivided share of a portion of land known as "Ta' Taljana" – 348 s.m.*	Mejlaq Elizabeth et *Mejlaq Elizabeth et*	76150G *76150G*	529/07 Gozo
Kercem *Kercem*	Fond nru 97 u 98 gia Triq Ghajn Abdun Santa Lucija *Premises no. 97 and 98 in Triq Ghajn Abdun, Santa Lucija*	Cauchi Anthony et *Cauchi Anthony et*	26466G *26466G*	555/07 Gozo
Munxar *Munxar*	Fond nru. 57 fi Triq San Pawl *Premises no. 57 in Triq San Pawl*	Xicluna Maria et *Xicluna Maria et*		550/07 Gozo
Nadur *Nadur*	Fond bl-isem "Micros" fi Triq Grunju *Premises named "Micros" in Triq Grunju*	Portelli Felix et *Portelli Felix et*	108173M *108173M*	487/07 Gozo
Nadur *Nadur*	½ indiviz mill-garaxx bla nru. u bla isem fi Triq Grunju *½ undivided share of the garaxx without no. and without name in Triq Grunju*	Portelli Felix et *Portelli Felix et*	108173M *108173M*	488/07 Gozo
Nadur *Nadur*	1/16 indiviz tal-fond nru. 39 fi Triq il-Mithna l-Qadima *1/16 undivided share of the premises no. 39 in Triq il-Mithna l-Qadima*	Portelli Felix et *Portelli Felix et*	108173M *108173M*	489/07 Gozo
Nadur *Nadur*	1/16 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Ta' Truppu" – 584.25 m.k. *1/16 undivided share of a portion of land known as "Ta' Truppu" – 584.25 s.m.*	Portelli Felix et *Portelli Felix et*	108173M *108173M*	490/07 Gozo
Nadur *Nadur*	3/80 indiviz tal-fond nru. 39 fi Triq il-Mithna l-Qadima u 3/80 indiviz minn ½ indiviz mill-porzjon art li tigi ezatt wara il-fond nru. 39 *3/80 undivided share of the premises no. 39 in Triq il-Mithna l-Qadima and 3/80 undivided share of the ½ undivided share of the portion of land found exactly after the premises no. 39*	Camilleri Anthony et *Camilleri Anthony et*	21547G *21547G*	491/07 Gozo
Nadur *Nadur*	3/80 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Ta' Truppu" – 584.25 m.k. *3/80 undivided share of a portion of land known as "Ta' Truppu" – 584.25 s.m.*	Camilleri Anthony et *Camilleri Anthony et*	21547G *21547G*	492/07 Gozo

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
Nadur	3/20 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Ta' Truppu" – 584.25 m.k.	Ellul Carmela et	23628G	493/07 Gozo
Nadur	*3/20 undivided share of a portion of land known as "Ta' Truppu" – 584.25 s.m.*	*Ellul Carmela et*	*23628G*	
Nadur	27/32 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Ta' Truppu" – 584.25 m.k.	Camilleri Doris et	16744G	494/07 Gozo
Nadur	*27/32 undivided share of a portion of land known as "Ta' Truppu" – 584.25 s.m.*	*Camilleri Doris et*	*16744G*	
Nadur	½ indiviz mid-dar u l-hanut anness nru. 106, 106A u 106B f'Church Str;	Camilleri Mario	60562G	499/07 Gozo
Nadur	*½ undivided share of the house and annexed shop no. 106, 106A and 106B in Church Str;*	*Camilleri Mario*	*60562G*	
Nadur	1/6 indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala "Ta' l-Irdum" – 767 m.k	Borg Bernarda et	99846G	503/07 Gozo
Nadur	*1/6 undivided share of a portion of land known as "Ta' l-Irdum" – 767 s.m.*	*Borg Bernarda et*	*99846G*	
Nadur	Lok ta' djar nru. 16 fi Triq Xjuf ir-Rih	Galea Mario et	180288M	531/07 Gozo
Nadur	*Pemises no. 16 in Triq Xjuf ir-Rih*	*Galea Mario et*	*180288M*	
Nadur	Porzjon divizi t'art maghrufa bhala "Ta' Qassis" fil-kuntrada "Ta'Dahlet Qorrot" – 130 m.k.	Xuereb John et	16251G	539/07 Gozo
Nadur	*Divided portion of land known as "Ta' Qassis" in the are known as "Ta' Dahlet Qorrot" – 130 s.m.*	*Xuereb John et*	*16251G*	
Qala	Korrezjoni fuq propjeta' nru. 48002027	Il-Gvern ta' Malta		509/07 Gozo
Qala	*Correction of property no. 48002027*	*The Government of Malta*		
Qala	Fond bl-isem "Ave Maria" fi Triq Federico Barroci – 286 m.k.	Cutajar Michael et	64533G	538/07 Gozo
Qala	*Premises named "Ave Maria" in Triq Federico Barroci – 286 s.m.*	*Cutajar Michael et*	*64533G*	
Qala	½ indiviz mill-fond nru. 43 fi Triq Wied Simar	Camilleri Paul et	106947G	559/07 Gozo
Qala	*½ undivided share of the premises no. 43 in Triq Wied Simar*	*Camilleri Paul et*	*106947G*	
Rabat, Ghawdex	Korrezzjoni fuq propjeta' nru. 11000392	Il-Gvern ta' Malta		511/07 Gozo
Rabat, Ghawdex	*Correction of property no. 11000392*	*The Government of Malta*		
Rabat, Ghawdex	Porzjon art – 33 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		512/07 Gozo
Rabat, Ghawdex	*Portion of land – 33 s.m.*	*The Government of Malta*		
Rabat, Ghawdex	Porzjon art – 19 m.k.	Il-Gvern ta' Malta		513/07 Gozo
Rabat, Ghawdex	*Portion of land – 19 s.m.*	*The Government of Malta*		
Rabat, Ghawdex	Dar nru 116 u 118 f'Saint ursola Str	Coen Brian et		554/07 Gozo
Rabat, Ghawdex	*House no. 116 and 118 in Saint ursola Str*	*Coen Brian et*		

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	Identifikazzjoni *Identification*	LR-A *LR-A*
San Lawrenz	Korrezzjoni fuq LRAG 14/07	Il-Gvern ta' Malta		505/07 Gozo
San Lawrenz	*Corretion of LRAG 14/07*	*The Government of Malta*		
San Lawrenz	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Dbiegi" – 640 m.k.	Mizzi Louis et	23659G	525/07 Gozo
San Lawrenz	*Portion of land known as "Ta' Dbiegi" – 640 s.m.*	*Mizzi Louis et*	*23659G*	
San Lawrenz	Porzjon art maghrufa bhala "Ta' Dbiegi" – 1844 m.k.	Mizzi Louis et	23659G	526/07 Gozo
San Lawrenz	*Portion of land known as "Ta' Dbiegi" – 1844 s.m.*	*Mizzi Louis et*	*23659G*	
San Lawrenz	Boathouse no. 25 fil-kuntrada maghrufa bhala "Il-Qawra" fid-Dwejra	Island Farmhouses Ltd		551/07 Gozo
San Lawrenz	*Boathouse no. 25 in the area known as "Il-Qawra" , Dwejra*	Island Farmhouses Ltd		
San Lawrenz	Korrezzjoni fuq LRAG 827/98	Cauchi Joseph		552/07 Gozo
San Lawrenz	*Correction of LRAG 827/98*	*Cauchi Joseph*		
Sannat	Porzjon diviza mill-lok ta' djar nru. 28 fi Triq Gerxija	Attard Joseph		556/07 Gozo
Sannat	*Divided portion of the premises no. 28 in Triq Gerxija*	*Attard Joseph*		
Xaghra	1/3 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Ta' Dun Anton" - 340 m.k.	Sultana Mary	45741G	560/07 Gozo
Xaghra	*1/3 undivided share of a portion of land known aw "Ta' Dun Anton" – 340 s.m.*	*Sultana Mary*	*45741G*	
Xaghra	1/21 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Tal-Fellis" – 210 m.k.	Sultana Mary	45741G	561/07 Gozo
Xaghra	*1/21 undivided shared of a portion of land known as "Tal-Fellis" – 210 s.m.*	*Sultana Mary*	*45741G*	
Xaghra	1/21 indiviz minn porzjon art maghrufa bhala "Tal-Fellis" – 235 m.k.	Sultana Mary	45741G	562/07 Gozo
Xaghra	*1/21 undivided shared of a portion of land known as "Tal-Fellis" – 235 s.m.*	*Sultana Mary*	*45741G*	

L-applikazzjonijiet, pjanti ta' l-art u d-dokumenti preżentati magħhom, jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru ta' l-Artijiet, iċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.30 p.m.

Dott. Marlin Vella, LL.D.
għar-Reġistratur ta' l-Artijiet

L-4 ta' Mejju, 2007

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, the Administration Centre, Pjazza San Franġisk, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.30 p.m.

Dr Marlin Vella, LL.D.
For/Land Registrar

4th May, 2007

Nru. 425

ELEZZJONI TA' SINDKU U VIĊI SINDKU

BIS-SAĦĦA ta' l-I*standing Order* 4 tas-Seba' Skeda ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), fis-seduta tal-Kunsill Lokali tal-Qala li saret fl-4 ta' April, 2007, is-Sur Paul Buttigieg ġie elett Sindku u s-Sur Raymond Xerri ġie elett Viċi Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Qala.

L-24 ta' April, 2007

No. 425

ELECTION OF MAYOR AND DEPUTY MAYOR

IN accordance with Standing Order 4 of the Seventh Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), at the Qala Local Council meeting held on the 4th April, 2007, Mr Paul Buttigieg was elected Mayor and Mr Raymond Xerri was elected Deputy Mayor of Qala Local Council.

24th April, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 35

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Mill-Ħamis il- 31 ta' Mejju, 2007 sas-Sibt it-2 ta' Ġunju, 2007 (il-ġurnata kollha) minn Misraħ Santu Rokku

Mill-Ħamis il- 31 ta' Mejju, 2007 fit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Demicoli, is-Salib,Marcel Mallia, Ċeppun, il-Gardell, San Pawl, il-Knisja, il-Barbazzal, Vjal il-Labour, Gebelin, Santa Marija sal-Pjazza.

Nhar il-Ġimgħa l-1 ta' Ġunju, 2007 fit-8.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Marija, Santa Marija, Misraħ San Ġorġ, il-Knisja,Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq u Santa Tereża.

Nhar is-Sibt it-2 ta' Ġunju, 2007 fis-7.00 p.m. minn Pjazza Santa Marija sal-Pjazza.

Nhar il-Ħadd it-3 ta' Ġunju, 2007 fil-11.00 a.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Santa Marija, Misraħ Santu Rokku, San Filippu, Dawret Ħal Għaxaq, Ġewwenija, Dun Mattew Sciriha, Marjanu Gerada, San Pawl, il-Knisja, Vjal il-Labour, il-Miksur, il-Ħareb, id-Dejl, Napuljun Caruana Dingli, il-Bizzilla u Santa Marija.

Nhar il-Ħadd it-3 ta' Ġunju, 2007 fis-6.30 p.m.minn Triq Santa Marija sa Pjazza Santa Marija

Nhar il-Ħadd it-3 ta' Ġunju, 2007 fis- 6.00 p.m. minn Triq il-Gudja u Triq Santa Marija.

Nhar il-Ħadd, 3 ta' Ġunju, 2007 fil-11.00 p.m. minn Triq Santu Rokku, Triq Santa Marija sal-Pjazza.

Nhar il-Ħadd it-3 ta' Ġunju, 2007 mis-7.00 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Belt Valletta, Ħal Għaxaqu Triq Tal-Barrani.

L-4 ta' Mejju, 2007

POLICE NOTICE

No. 35

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Għaxaq

From Thursday 31st May, 2007 till Saturday 2nd June, 2007 (all day) through Misraħ Santu Rokku

On Thursday 31st May, 2007 at 8.00 p.m. through the following streets: Demicoli, is-Salib,Marcel Mallia, Ċeppun, il-Gardell, San Pawl, il-Knisja, il-Barbazzal, Vjal il-Labour, Gebelin, Santa Marija up to the Square.

On Friday 1st June, 2007 at 8.30 p.m. through the following streets: Pjazza Santa Marija, Santa Marija, Misraħ San Ġorġ, il-Knisja,Vjal il-Labour, Dawret Ħal Għaxaq and Santa Tereża.

On Saturday 2nd June, 2007 at 7.00 p.m. from Pjazza Santa Marija to the Square.

On Sunday 3rd June, 2007 at 11.00 a.m. through the following streets: Pjazza Santa Marija, Misraħ Santu Rokku, San Filippu, Dawret Ħal Għaxaq, Ġewwenija, Dun Mattew Sciriha, Marjanu Gerada, San Pawl, il-Knisja, Vjal il-Labour, il-Miksur, il-Ħareb, id-Dejl, Napuljun Caruana Dingli, il-Bizzilla and Santa Marija.

On Sunday 3rd June, 2007 at 6.30 p.m. through Triq Santa Marija up to Pjazza Santa Marija

On Sunday 3rd June, 2007 at 6.00 p.m. through Triq il-Gudja and Triq Santa Marija.

On Sunday, 3rd June, 2007 at 11.00 p.m. through Triq Santu Rokku,Triq Santa Marija to the Square.

On Sunday 3rd June, 2007 from 7.00 p.m. onwards, through Triq il-Belt Valletta, Ħal Għaxaq and Tal-Barrani.

4th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Medical Officer* (*General Practice Trainee*) fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* kwalifikati għall-postijiet ta' *Medical Officer* (*General Practice Trainee*) fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1 Il-kandidati magħżula jinħatru *Medical Officers* (*General Practice Trainees*) fi Skala ta' Salarju Nru. 8 b'salarju ta' Lm6,526 (€15201.49) fis-sena li jiżdied b'Lm209 (€486.84) fis-sena sa massimu ta' Lm7,780 (€18122.53) u jkunu meħtieġa li jattendu programm ta' taħriġ ta' tliet snin li jkun maqsum fi tmintax-il xahar ta' taħriġ speċifiku dedikat fi sptar jew klinika approvata u tmintax-il xahar f'*general medical practice* fi klinika privata approvata jew Ċentru tas-Saħħa pubbliku. Uffiċjali Pubbliċi fil-grad ta' *Medical Officer* fi Skala ta' Salarju Nru. 7, jekk jintgħażlu, iżommu s-salarju tagħhom fuq bażi personali.

2.2 Wara li ttemm b'suċċess il-programm ta' taħriġ ta' tliet snin imsemmi hawn fuq u tikseb iċ-ċertifikat relevanti mill-I*specialist Accreditation Committee,* il-persuna fil-grad ta' *Medical Officer (General Practice Trainee)* tinħatar *Medical Officer (General Practice)* fi Skala ta' Salarju Nru. 7 b'salarju ta' Lm6,948 (€16184.49) fis-sena li jiżdied b'Lm228 (€531.10) fis-sena sa massimu ta' Lm8,316 (€19,371.07).

2.3. Persuna fil-grad ta' *Medical Officer (General Practice Trainee)* li ma ttemmx b'suċċess il-programm ta' taħriġ ma tinħatarx *Medical Officer* fi Skala ta' Salarju Nru. 7 iżda titħalla taqbad linji oħra ta' *Medical Officer* u t-tliet snin prattika matul il-programm ta' taħriġ ikunu kkunsidrati bħala servizz professjonali għall-iskop ta' *progression*.

2.4. Matul il-programm ta' taħriġ, il-persuna fil-grad ta' *Medical Officer (General Practice Trainee)* tibbenefika wkoll mill-*allowances* li jitħallsu *Medical Officers* li jaħdmu fiċ-Ċentri tas-Saħħa.

3.1. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa u l-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Medical Officer (General Practice Trainee) in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified medical practitioners for the posts of Medical Officer (General Practice Trainee) in the Health Division.

2.1. The selected candidates will be appointed Medical Officers (General Practice Trainees) in Salary Scale No. 8 with a salary of Lm6,526 (€15201.49) per annum rising by annual increments of Lm209 (€486.84) per annum up to a maximum of Lm7,780 (€18122.53) and will be required to undergo a three-year training programme which shall be split into eighteen months of specific dedicated training in an approved hospital/clinic and eighteen months in general medical practice in an approved private clinic or public health centre. Public Officers in the grade of Medical Officer in Salary Scale No. 7 shall, if selected, retain their salary scale on a personal basis.

2.2. On successful completion of the above-mentioned three-year training programme and on obtaining the relevant certification from the Specialist Accreditation Committee, a Medical Officer (General Practice Trainee) shall be appointed Medical Officer (General Practice) in Salary Scale No. 7 with a salary of Lm6,948 (€16184.49) per annum rising by annual increments of Lm228 (€531.10) up to a maximum of Lm8,316 (€19371.07).

2.3. A Medical Officer (General Practice Trainee) who fails to complete the training programme successfully shall not be appointed as Medical Officer in Salary Scale No. 7 but will be allowed to follow the other Medical Officer streams and the three years practice performed during the training programme will be considered as professional service for progression purposes.

2.4. A Medical Officer (General Practice Trainee) will benefit from allowances payable to Medical Officers working in health centres throughout the duration of the training programme.

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Rigward id-dmirijiet professjonali tagħha fid-Dipartiment tal-*Primary Health Care* il-persuna nominata tkun taqa' direttament taħt is-*Senior Medical Officer* jew il-*Principal Medical Officer* inkarigat miċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-aħħarnett taħt id-Direttur tal-*Primary Health Care*.

Id-dmirijiet professjonali fid-Dipartiment tal-*Primary Health Care* tal-persuna nominata jinkludu:

a) tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti li jmorru fiċ-Ċentri tas-Saħħa u fl-ispiżeriji tal-Gvern;

b) iżżur lill-pazjenti f'darhom meta jkun meħtieġ;

ċ) tara lill-pazjenti fil-kliniċi ta' l-ispeċjalisti fiċ-Ċentri tas-Saħħa;

d) iżżomm *records* kliniċi bir-reqqa tal-pazjenti u ta' kull informazzjoni oħra mitluba mid-Diviżjoni;

e) tassigura l-użu xieraq tar-riżorsi u l-faċilitajiet li jkunu disponibbli għaliha;

f) tieħu sehem regolarment fi programmi ta' żvilupp professjonali kontinwu;

g) tagħmel xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mal-*Primary Health Care* kif jinħtieġ.

h) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa

5.2. Rigward id-dmirijiet professjonali tagħha matul il-perjodu ta' taħriġ fl-isptar il-persuna fil-grad ta' *trainee* tkun taqa' direttament taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment fejn tkun qed titħarreġ.

Id-dmir professjonali tal-persuna fil-grad ta' *trainee* matul il-perjodi ta' taħriġ fl-isptar hu li titgħallem ir-rutini, metodi u tekniki fundamentali li jkunu speċifiċi għall-ispeċjalità konċernata fl-isptar u li fiha t-taħriġ ma jistax jingħata fil-*family practice*. Matul dan il-perjodu l-persuna fil-grad ta' *trainee* trid tikseb:

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that :-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The appointee will be directly accountable for his/her professional duties within the Department of Primary Health Care to the Senior Medical Officer or Principal Medical Officer in charge of the Health Centres and ultimately to the Director of Primary Health Care.

The professional duties of the appointee within the Department of Primary Health Care include:

a) seeing to the needs of patients calling at the Health Centres and Government dispensaries;

b) visiting patients in their home when a home visit is requested;

c) seeing patients in specialist clinics within the Health Centres;

d) keeping accurate clinical records on patients and recording any other information requested by the Division;

e) ensuring proper use of resources and facilities made available to him/her;

f) participating regularly in programmes of continuing professional development;

g) performing any other primary health care duties as required.

h) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

5.2. The trainee will be directly accountable for his/her professional duties within the hospital-based training periods to the Chairman of the Department where he/she is attached.

The professional duty of the trainee within the hospital-based training periods is to learn the knowledge, routines, methods and fundamental techniques which are specific to the hospital specialty in question and in which training cannot be conducted in family practice. During this period, the trainee is to acquire:

(a) taħriġ dwar l-ispeċjalità, rutini ta' eżami u trattament kif ukoll taħriġ dwar linji ta' gwida għat-trattament kontinwu u kontinwazzjoni tal-pazjenti li jkunu ħarġu mill-isptar.

(b) tagħrif preċiż dwar il-mard li jkun komuni f'dik l-ispeċjalità u dwar is-sintomi tal-mard li għalkemm ikun inqas komuni xorta waħda importanti li tkun taf dwaru.

(ċ) taħriġ dwar it-tifsir ta' problemi ta' l-ispeċjalitajiet u dwar metodi ta' xogħol biex ikun assigurat li l-persuna fil-grad ta' *trainee* tkun mħarrġa bħala tabib tal-familja li żżomm ruħha aġġornata fit-tagħrif tagħha u li tikkomunika ma' kollegi oħra speċjalisti.

5.3. Il-persuna fil-grad ta' *trainee* tkun akkademikament taqa' taħt it-*Trainer* tagħha u permezz ta' dan, taqa' taħt in-*National Coordinator of the Family Doctor Training Scheme*.

L-obbligi akkademiċi tal-persuna nominata jinkludu:

a) tagħmel l-aħjar użu tat-taħriġ speċjalizzat billi tinvolvi ruħha fil-proċess ta' taħriġ u billi tidentifika l-ħtiġiet ta' tagħlim flimkien mat-*Trainer;*

b) tikseb (waqt it-taħriġ fil-komunità u fl-isptar) il-ħiliet li huma meħtieġa għall-*General Practitioner* u tabib tal-familja;

ċ) tikseb assessjar tajjeb tal-ħidma akkademika (sew għas-sura kif ukoll għar-riżultat tagħha) mingħand it-*trainer* dwar it-twettiq tal-għan tal-programm tat-taħriġ speċjalizzat li jrawwem tobba tal-familji kompetenti;

d) tieħu sehem f'*day release programme* għal mill-inqas erba' (4) sigħat fil-ġimgħa ta' ħin protett f'attivitajiet akkademiċi;

e) timxi skond ftehim (li jinkorpora kodiċi ta' etika) biex tirrispetta r-relazzjoni bejn il-pazjenti u t-*trainer* fil-*private family practice*.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li tuża t-trasport tagħha fuq xogħol uffiċjali fuq bażi ta' ħlas lura bir-rata approvata kull darba li tkun taħdem jew tintbagħat fuq qadi tas-Servizz ta' *General Practitioners*, ħlief fil-każ li tiġi eżenti minn dan l-obbligu għall-raġunijiet validi mid-Direttur, *Primary Health Care*.

7. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(a) training in the specialty's approach, examination, and treatment routines, as well as in guidelines for continued treatment and follow-up of discharged patients;

(b) precise knowledge of the illnesses that are common in that specialty and of the symptoms of diseases which, although less common, are nevertheless important;

(c) training in problem formulation of the specialities and in the working methods to ensure that the trainee will be equipped as a family doctor to keep his/her knowledge up-to-date and communicate with other specialist colleagues;

5.3. The trainee will be academically accountable to his/her Trainer and, through the latter, to the National Coordinator of the Family Doctor Training Scheme.

The academic obligations of the appointee include:

a) make the best use of specialist training by becoming involved in the training process and by identifying learning needs in collaboration with the trainer;

b) acquiring (during community training and hospital-based training) the core competences which are essential to the general practitioner/family doctor;

c) obtaining a good assessment of his/her academic performance (both formative and summative) from the trainer with regards to the fulfillment of the specialist training programme's aim of producing competent, reflective and self-educating family doctors;

d) participating in a day-release programme for a minimum of 4 hours per week protected time in academic activities;

e) adhering to an agreement (incorporating a code of ethics) to respect the relationship between the patients and the trainer in private family practice.

6. The appointee will be required to use his/her own transport on official business on a reimbursement basis at the approved rate whenever he/she is engaged or deployed in the General Practitioner service, unless for a good reason exempted by the Director, Primary Health Care.

7. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' riċerka.

8. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 7(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru 2007. Jekk jintgħażlu, dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Maltese Government Service giving details).

7.1 Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

8. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 7(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Licence by 15th October 2007. If selected such candidates must obtain the said Licence before appointment.

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

10.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice- board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

11.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Johroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. L-applikanti magħzula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

12. Applicants selected for appointment will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mil-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 2007.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Mejju, 2007

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana

14. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 25th May 2007.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 25th May 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

4th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Uffiċjal Mediku (*Public Health Medicine)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' Uffiċjal Mediku (*Public Health Medicine)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Is-salarju ta' Uffiċjal Mediku jkun ta' Lm6,526 (€15,201.49) fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm209 (€486.84) sa massimu ta' Lm7,780 (€18,122.53) (Skala ta' Salarju 8).

2.2. Uffiċjali Mediċi li jagħmlu tmien snin ta' prattika medika wara s-sentejn ta' *Housemanship* jitqiegħdu fi Skala ta' Salarju 7 Lm6,948 (€16,184.49) x 228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) suġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-perjodu ta' tmien snin jitnaqqas għal ħames snin fil-każ ta' tobba li jiksbu kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Medical Officer (Public Health Medicine) in the Administrative Stream in the Health Division in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified medical practitioners for the posts of Medical Officer (Public Health Medicine) in the Administrative Stream in the Health Division.

2.1. The salary for the post of Medical Officer is Lm6,526 (€15,201.49) per annum rising by annual increments of Lm209 (€486.84) up to a maximum of Lm7,780 (€18,122.53) (Salary Scale 8).

2.2. Medical Officers who complete eight years medical practice after the two years of housemanship shall be placed in Salary Scale 7 Lm6,948 (€16,184.49) x 228 (€531.10) – Lm8,316 (€19,371.07) subject to satisfactory performance, provided that the qualifying period of eight years will be reduced to five years in the case of doctors who obtain an approved post-graduate qualification.

2.3. Sigħat ta' xogħol il-fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.1. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku (*Public Health Medicine)* fil-Qasam Amministrattiv tkun meħtieġa li taħdem mingħajr superviżjoni fil-qasam tax-xogħol tagħha. Tkun trid tikkonsulta ruħha mal-Konsulent fil-Qasam Amministrattiv fuq ħwejjeġ ta' *policy* u fuq il-proċeduri stabbiliti li għandhom jittieħdu.

5.2. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku *(Public Health Medicine)* fil-Qasam Amministrattiv jinkludu:

(a) xogħol għall-prevenzjoni u kontroll tal-*Communicable and Priority Non-Communicable Diseases*, inkluż mard notifikat li jittieħed u investigazzjoni ta' skoppjar ta' mard;

(b) stħarriġ kontinwu (taħt superviżjoni) ta' studji u riċerki epidemjoloġiċi;

(ċ) stħarriġ kontinwu ta' xi *Acute Episodes of Disease*;

(d) tħejjija ta' rapporti u rakkomandazzjoniet biex tgħin lill-*policy makers* jieħdu deċiżjonijiet dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-Saħħa Pubblika;

(e) għajnuna lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fl-istħarriġ ta' rapporti dwar ksur tal-liġijiet u regolamenti li għandhom x'jaqsmu mas-Saħħa Pubblika;

(f) ħolqien, ipproċessar u tqassim ta' informazzjoni eżatta, f'waqtha u relevanti li tgħin fl-għoti tal-kura tas-saħħa u fit-tmexxija tas-servizzi tas-saħħa tal-Gvern;

2.3. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.1. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. A Medical Officer (Public Health Medicine) in the Administrative Stream will be required to operate without supervision in the field. He/She would have to consult with the Consultant (in the Administrative Stream) on matters of policy and on established procedures to be followed.

5.2. The duties of a Medical Officer (Public Health Medicine) in the Administrative Stream include:-

(a) field work to prevent and control Communicable and priority Non Communicable Diseases, including notified infectious disease and outbreaks investigation;

(b) investigation and follow-up (under supervision) of Epidemiological studies and research;

(c) investigation and follow-up of any Acute Episodes of Disease;

(d) preparation of reports and recommendations to assist policy makers take decisions on Public Health matters;

(e) assistance to the Superintendent of Public Health in the investigation of reports of breaches of the relevant national Public Health Laws and Regulations;

(f) creation, processing and dissemination of accurate, timely and relevant information that supports the delivery of health care and the management of the Government health services;

(g) interpretazzjoni b'mod ta' statistika ta' *data* epidemjoloġika;

(h) kumpilazzjoni ta' rapporti fuq l-istat ta' saħħa tal-popolazzjoni u fuq l-istruttura, proċessi u l-eżitu tas-servizzi tas-saħħa fil-Gżejjer Maltin, bl-użu ta' tagħrif disponibbli;

(i) għajnuna fit-tfassil u tmexxija ta' sondaġġi fuq is-saħħa;

(j) sorveljanza ta' *staff* iżgħar minnha fis-sezzjoni;

(k) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. Il-persuni nominati jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu fid-diversi dipartimenti fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa.

7. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw il-proviżjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),*

(g) statistical interpretation of epidemiological data;

(h) compilation of reports on the health status of the population and on the structure, procedures and outcome of health services in Malta, using available data;

(i) assistance in the design and conduct of health surveys;

(j) supervision of junior staff in the section;

(k) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. The appointees may be required to work in the various departments within the Health Division.

7. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta

filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

7.1 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u *Research*.

8. Applikazjonijiet jintlaqgħu ukoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenzja msemmija f'paragrafu 7(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru, 2007. Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenzja qabel ma jingħataw il-ħatra.

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.2. Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1 Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

8. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 7(c) above provided they provide evidence that they would qualify for such a licence by 15th October 2007. If selected such candidates must obtain the said licence before appointment.

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

10.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

10.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

11.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

11.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

11.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Il-persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għall-post.

13. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

14. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Rizorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 2007.

15. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill- applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

16. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Mejju, 2007

11.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

11.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

11.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

11.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

12. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

14. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 25th May 2007.

15. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 25th May 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

16. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

4th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Occupational Therapist* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet ta' *Occupational Therapist* fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità.

2.1 Il-post ta' *Occupational Therapist* għandu salarju ta' Lm5,136 (€11,963.66) fis-sena, li jiżdied b'Lm152 (€354.06) fis-sena sa massimu ta' Lm6,048 (€14,088.05) (Skala ta' Salarju Nru. 12). Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* tiġi promossa fil-grad ta' *Occupational Therapist* Anzjan fi Skala Nru. 10 b'salarju ta' Lm5,782 (€13,468.44) li jiżdied b'Lm175 (€407.64) fis-sena sa massimu ta' Lm6,832 (€15,914.28) wara ħames snin servizz fil-grad jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.2. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* li għandha xi *degree* rikonoxxuta fl-*Occupational Therapy* titqiegħed fi Skala Nru. 10 b'seħħ mid-data tal-ħatra tagħha jew mid-data ta' meta' tingħata d-*degree*, skond liema data tiġi l-aħħar. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwata tiżdied fis-salarju għal Skala Nru. 9 b'salarju ta' Lm6,135 (€14,290.71) li jiżdied b'Lm192 (€447.24) fis-sena sa massimu ta' Lm7,287 (€16,974.14) meta' tagħlaq sentejn servizz fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwat. Persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* gradwata tiġi promossa għall-grad ta' *Occupational Therapist* Anzjan wara sentejn servizz fil-grad ta' *Occupational Therapist* jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u suġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' *Occupational Therapist* jinkludu:

a) provvediment ta' servizzi kliniċi rigward l-*Occupational Therapy*;

b) għotja ta' ċans lill-*junior staff,* li jinkludi studenti, biex jakkwista esperjenza taħt superviżjoni;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Occupational Therapist within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications for the filling of posts of Occupational Therapist in the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

2.1 The post of Occupational Therapist carries a salary of Lm5,136 (€11,963.66) per annum, rising by annual increments of Lm152 (€354.06) up to a maximum of Lm6,048 (€14,088.05) (Salary Scale No. 12). An Occupational Therapist will be promoted to the grade of Senior Occupational Therapist in Salary Scale No. 10 with a salary of Lm5,782 (€13,468.44) per annum, rising by annual increments of Lm175 (€407.64) up to a maximum of Lm6,832 (€15,914.28) on completion of five years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.2. An Occupational Therapist in possession of a recognised degree in Occupational Therapy will be placed in Salary Scale No. 10 with effect from his/her date of appointment or the conferment of his/her degree, whichever is the later. A graduate Occupational Therapist will progress to Salary Scale No. 9 with a salary of Lm6,135 (€14,290.71) rising by annual increments of Lm192 (€447.24) up to a maximum of Lm7,287 (€16,974.14) on completion of two years service as graduate Occupational Therapist. A graduate Occupational Therapist will be promoted to Senior Occupational Therapist on completion of two years service in the grade of Occupational Therapist, subject to satisfactory performance.

2.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full-time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Ministry of Health, the Elderly and Community Care. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of an Occupational Therapist include:

a) provision of clinical services with regards to Occupational Therapy;

b) giving junior staff, including students the opportunity to gain experience under supervision;

ċ) konsultazzjoni ma' membri oħra tat-tim tar-rijabilitazzjoni għal ko-ordinazzjoni ta' programmi terapewtiċi għal individwi u gruppi ta' pazjenti;

d) tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fil-Ministeru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità.

Aktar dettalji dwar il-*job description* tal-post jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Personnel,* Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Harper Lane, il-Furjana.

5. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom ċertifikat li juri li reġistrati bħala *Occupational Therapists* mal-Kunsill għall-Professjonijiet Komplimentari għall-Mediċina (Malta);

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47)*, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u

c) consultation with other members of the rehabilitative team to co-ordinate therapeutic programmes for individuals and groups of patients;

d) making use of the Information Technology systems which may be in operation within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care.

Further details of the job description of the post may be obtained from the Personnel Section, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana.

5. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a certificate of registration as Occupational Therapists with the Council for the Professions Complementary to Medicine (Malta);

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese

jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6.1. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li se jiggradwaw fl-*Occupational Therapy* fis-sena 2007 bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a), (b) u (d). Jekk jintagħżlu dawn il-kandidati jridu juru ċ-Ċertifikat ta' reġistrazzjoni indikat f'paragrafu 5(c) qabel ma jingħataw il-ħatra.

6.2. L-applikanti li jgħaddu taħt dan il-paragrafu jiġu offruti ħatra biss wara li tkun ġiet eżawrita l-lista ta' l-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skond paragrafu 5 dejjem jekk ikun għad baqa postijiet vakanti.

7.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Atikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2. Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (*MQRIC*) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Government Service giving details).

6.1. Applications will also be considered from candidates who will be graduating in Occupational Therapy in the year 2007 provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5(a), (b) and (d). If selected, such candidates must produce the Certificate of registration indicated in paragraph 5(c) before appointment.

6.2. Successful applicants under this paragraph will be offered an appointment only after the list of successful applicants under paragraph 5 has been exhausted, provided vacancies are available.

7.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

9.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippublika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

9.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal ezami mediku biex jiġi aċċertat li huma addattati għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, il-Furjana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, il-Furjana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Mejju 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 25 ta' Mejju 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-4 ta' Mejju, 2007

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

9.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

10. The selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 25th May 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 25th May 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

4th May, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Għalliema fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' Għalliema fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

2. Jeżistu vakanzi għal Għalliema biex jgħallmu:

(i) fis-settur ta' l-Iskejjel Primarji;

(ii) fis-settur ta' l-Edukazzjoni Speċjali; u

(iii) fis-suġġetti li ġejjin fis-settur ta' Skejjel Sekondarji u Post Sekondarji:

Arti
Bijoloġija
Business Studies
Kimika
Computer Studies
Design and Technology – Resistant Materials and Electronics
Design and Technology – Food and Textiles Technology
Ingliż
Studji Ewropej
Franċiż
Ġeografija
Ġermaniż
Graphical Communication
Storja
Home Economics
Information Technology
Xjenza Integrata
Taljan
Malti
Matematika
Mużika
Personal and Social Development
Edukazzjoni Fiżika
Fiżika
Reliġjon
Studji Soċjali
Spanjol
Vjolin/Mużika

3.1 L-iskala tal-bidu tas-salarju għal dan il-post hija Skala 9 (Lm6,135 x 192 għal Lm7,287 (€14,290.71 x €447.24 għal €16,974.14). Wara tmien snin servizz sodisfaċenti fil-grad, persuna fil-grad ta' għalliem titla' għal Skala 8 u mbagħad għal Skala 7 wara tmien snin oħra ta' servizz sodisfaċenti fil-grad.

3.2 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time*, u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Teacher in the Education Division

The Public Service Commission invites applications for the posts of Teacher in the Education Division.

2. Vacancies exist for teachers to teach:

(i) in the Primary Schools Sector;

(ii) in the Special Education Sector; and

(iii) in the following subjects in the Secondary/Post Secondary Schools Sector:

Art
Biology
Business Studies
Chemistry
Computer Studies
Design and Technology – Resistant Materials and Electronics
Design and Technology – Food and Textiles Technology
English
European Studies
French
Geography
German
Graphical Communication
History
Home Economics
Information Technology
Integrated Science
Italian
Maltese
Mathematics
Music
Personal and Social Development
Physical Education
Physics
Religion
Social Studies
Spanish
Violin/Music

3.1 The initial salary scale of a Teacher is Scale 9 (Lm 6,135 x Lm192 to Lm7,287) (€14,290.71 x €447.24 to €16,974.14)). Subject to a satisfactory performance, a Teacher will proceed to Scale 8 after 8 years service in the grade and then to Scale 7 after a further 8 years service in the grade.

3.2 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to

żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) hawn fuq suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

(d) ikollhom *Teacher's Warrant* permanenti jew jikkwalifikaw għalih skond l-artikolu 11 (3) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327).

SETTUR PRIMARJU

4.1 Applikanti biex jgħallmu fis-Settur Primarju jrid ikollhom wieħed minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliema Regolari mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni bil-kundizzjoni illi s-servizz li taw f'dan il-qasam jiġi kkunsidrat bħala sodisfaċenti;

the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Education Division in particular, and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

4. Applicants must be:-

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service, giving details);

(d) in possession of a permanent Teacher's Warrant or qualify for one in accordance with section 11 (3) of the Education Act (Cap. 327).

PRIMARY SECTOR

4.1 Applicants for a post in the Primary Sector must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as Teacher with the Education Division, provided that their teaching service in this sector is considered satisfactory;

JEW

(ii) Ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a;

JEW

(ii) Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni;

JEW

(iv) Ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fl-Edukazzjoni Primarja;

JEW

(v) ikunu temmew b'suċċess il-*Graduate Teachers Course* organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni;

4.1.1. L-applikanti għandhom ikollhom ukoll Livell Ordinarju *Secondary Education Certificate* (Grad 1 – 5) jew kwalifika komparabbli fil-lingwa Maltija, fil-lingwa Ingliża u fil-Matematika. Livell Avvanzat (minimu Grad E) jew komparabbli f'dawn is-suġġetti jew ċertifikat fil-*module* tas-suġġett rispettiv meħud bħala parti mill-kors tal-*B.Educ (Hons)* jitqies bħala alternattiva għal Livell Ordinarju sakemm ma jitqies xejn kuntrarju. Bil-kundizzjoni li applikant li ma jkunx jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti jkun xorta waħda eliġibbli li japplika jekk hu/hi jkollu/ha *Permanent Teacher's Warrant* u jkun ilu/ilha f'impieg *full-time* bħala għalliem/a fis-Settur Primarju għal perjodu ta' mhux anqas minn ħames snin f'dawn l-aħħar għaxar snin.

4.1.2. Applikanti li jingħataw xi forma ta' *study leave* mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex isegwu l-kors tal-*B.Educ. (Hons)* tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta, taħt il-klawsola tal-maturità u dawk l-applikanti li applikaw taħt klawsola 4.1(ii) huma eżenti minn klawsola numru 4.1.1 jekk dawn iġibu d-*degree* tal-*B.Educ. (Hons).*

4.1.3. Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-Kors tal-*B.Educ. (Hons)* li jispeċjalizzaw fit-tagħlim tal-Primarja bħala suġġett ewlieni.

SETTUR TA' L-EDUKAZZJONI SPEĊJALI

4.2 Biex jgħallmu fis-Settur ta' l-Edukazzjoni Speċjali l-applikanti jridu jissodisfaw ukoll waħda minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliem/a Regolari mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u taw servizz sodisfaċenti;

JEW

(ii) ikollhom ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate;

OR

(iii) have a Bachelor's Degree in Education;

OR

(iv) have a Postgraduate Certificate in Education specialising in Primary Education;

OR

(v) have successfully completed the Graduate Teachers Course organised by the Education Division;

4.1.1 Applicants must also be in possession of an Ordinary Level Secondary Education Certificate (Grade 1 – 5) or comparable in Maltese, English Language and Mathematics. A pass at Advanced Matriculation Level (minimum Grade E) or comparable or a pass in the respective subject module taken as part of the B.Educ (Hons) course shall be accepted as an alternative to Ordinary Level unless otherwise stated. Provided that an applicant who does not satisfy these requirements would still be eligible to apply if he/she is in possession of a Permanent Teacher's Warrant and has been in a full-time teaching position in the Primary Sector for a period of not less than five years in the last ten years.

4.1.2 Applicants who have been granted some form of study leave by the Education Division to follow the B.Educ (Hons) course of the Faculty of Education of the University of Malta on the strength of the maturity clause and applicants applying under para 4.1(ii) are exempt from clause 4.1.1 if they obtain their B.Educ. (Hons) degree.

4.1.3 Applications will also be received from students who are in the final year of the B.Educ. (Hons) course with Primary teaching as a main area of specialisation.

SPECIAL EDUCATION SECTOR

4.2 Applicants for a post in the Special Education Sector must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as a Teacher with the Education Division, and have performed satisfactorily;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate;

JEW

(iii) ikollhom Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni;

JEW

(iv) ikollhom ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni.

SETTUR TA' L-ISKEJJEL SEKONDARJI/POST-SEKONDARJI

4.3 Biex jgħallmu fis-Settur ta' l-Iskejjel Sekondarji/Post Sekondarji, l-applikanti jridu wkoll jissodisfaw waħda minn dawn:

(i) diġà kellhom ħatra ta' Għalliem/a Regolari bħala Għalliem/a mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni u jkollhom ċertifikat tal-Matrikola fil-livell avvanzat jew komparabbli, fis-suġġett/i li għalihom tkun saret l-applikazzjoni, bil-kundizzjoni li s-servizz li taw jiġi kkunsidrat sodisfaċenti;

JEW

(ii) ikollhom ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a bis-suġġett li għalih saret l-applikazzjoni studjat bħala s-suġġett ewlieni fil-kors ta' taħriġ għall-Għalliema/a;

JEW

(iii) ikollhom ċertifikat rikonoxxut ta' Għalliem/a maħruġ mill-Kulleġġi ta' l-Edukazzjoni *Mater Admirabilis* jew *St Michael's* flimkien ma' ċertifikat tal-Matrikola fil-livell Avvanzat jew komparabbli, fis-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni;

JEW

(iv) ikollhom Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni fis-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni studjat bħala s-suġġett ewlieni fil-kors ta' l-Għalliema;

JEW

(v) ikollhom Grad ta' Baċellerat jew kwalifika komparabbli li tinkludi s-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni bħala suġġett ewlieni, u għandhom il-*P.G.C.E.* f'dan is-suġġett bħala *main area*. Fil-każ fejn l-Università ta' Malta ma tkunx għamlet dak il-kors partikulari tal-*P.G.C.E.* fl-aħħar tliet snin qabel ħarget din is-sejħa, l-applikant li jkun għamel il-*P.G.C.E.* f'xi suġġett ieħor jikkwalifika wkoll;

JEW

(vi) għandhom iċ-ċertifikat tal-*Graduate Teachers Course*

OR

(iii) have a Bachelor's Degree in Education;

OR

(iv) have a Post Graduate Certificate in Education.

SECONDARY/POST-SECONDARY SECTOR

4.3 Applicants for the post in the Secondary/Post Secondary Schools Sector must further satisfy one of the following:

(i) have previously held a regular appointment as Teacher in the Education Division and have a pass at Advanced Matriculation Level or comparable in the subject/s applied for, provided that their teaching service is considered satisfactory;

OR

(ii) have a recognized Teacher's Certificate with the subject applied for taken as the main subject in the Teacher's Training Course;

OR

(iii) have a full certificate in Education awarded by Mater Admirabilis College of Education or St Michael's College of Education together with a pass at Advanced Matriculation level or comparable in the subject applied for;

OR

(iv) have a Bachelor's Degree in Education which includes the subject applied for as the main teaching area;

OR

(v) have a Bachelor's Degree or a comparable qualification which includes the subject applied for as a main area and have a P.G.C.E. specializing in the subject applied for. In those cases where a P.G.C.E. was not offered by the University of Malta in the last three years before the issue of a call in the area applied for, a P.G.C.E. with any subject specialisation will qualify the applicant;

OR

(vi) have successfully completed the Graduate Teachers

organizzat mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni flimkien ma' grad ta' Baċellerat, jew kwalifika komparabbli li tinkludi s-suġġett li għalih tkun saret l-applikazzjoni;

JEW

(vii) ikollhom il-grad ta' *Master*'s jew Dottorat fis-suġġett li għalih ikunu applikaw. Applikanti li jkunu għaddew mill-eżamijiet finali tagħhom u jkunu se jiggradwaw bi grad ta' *Masters* jew dottorat wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet għandhom jipprovdu *transcripts* uffiċjali tal-gradi ma' l-applikazzjoni.

4.3.1 Applikanti għas-Settur Sekondarju/Post Sekondarju jrid ikollhom ukoll Livell Ordinarju fis-*Secondary Education Certificate* (Grad 1 – 5) jew kwalifika komparabbli fil-lingwa Maltija, fil-lingwa Ingliża, u fil-Matematika. Livell Avvanzat (minimu Grad E) jew komparabbli f'dawn is-suġġetti jew ċertifikat fil-*module* rispettiv meħud bħala parti mil-Kors tal-*B.Educ. (Hons)* jitqies bħala alternattiva għal-Livell Ordinarju.

4.3.2 Applikanti li jkunu jgħallmu u li ngħataw xi forma ta' *study leave* mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni biex isegwu l-kors tal-*B.Educ. (Hons)* jew *P.G.C.E.* tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta, taħt il-klawsola tal-maturità u dawk l-applikanti li applikaw taħt klawsola 4.3 (ii) huma eżenti minn klawsola numru 4.3.1. jekk dawn iġibu *d-degree* tal-*B.Educ. (Hons)* jew il-*P.G.C.E.*

4.3.3 Applikazzjonijiet jintlaqgħu minn studenti li qegħdin fl-aħħar sena tal-kors tal-*B.Educ. (Hons*) jew tal-kors tal-*P.G.C.E.* ta' l-Università ta' Malta, li għandhom is-suġġett li japplikaw għalih bħala s-suġġett ewlieni li jispeċjalizzaw fih. Fejn l-Università ta' Malta ma tkunx fetħet kors tal-*P.G.C.E.* f'xi suġġett partikolari, kandidat jista' jippreżenta suġġett ieħor fil-*P.G.C.E.* basta dan ikollu jew Hons. Degree fis-suġġett li għalih ikun applika jew ikollu *General Degree* li fih bħala suġġett ewlieni ta' studju is-suġġett li jkun applika għalih.

